MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 924/2008

**Titan International Limited (C-1115)**
**-vs-**
**Alfavil Construction Limited (C-34779)**

**Il-Qorti**

Rat r-rikors guramentat tas-socjeta' Titan Inernational Limited fejn ippremettiet:

1. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditirici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' hamsa u hamsin elf, mija u disgha u sebghin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€55,179.52). ekwivalenti ghal Lm23,688.57, VAT eskluz, prezz ta' '*supply and installation*' ta' *'copper pipework'* u *'air-conditioning'* units f'numru ta' appartamenti fil-kumpless maghruf bhala Madliena Village, Madliena, u dana kif jidher mill-kopja tal-fatturi hawn annessi u mmarkati 'Dok.1' sa 'Dok.8'. It-total tal-fatturi jammonta

ghas-somma ta’ Lm25,188.57 izda minn dan l-ammont thallset is-somma ta’ Lm1,500 u ghalhekk il-bilanc dovut huwa ta’ Lm23,688.57.

2.Illi ghalkemm interpellata biex thallas is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut.

3.illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

4.Illi safejn jaf l-esponent, is-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti kontra t-talbiet attrici.

5.Illi ghalhekk is-socjeta’ esponenti kellha tistitwixxi din il-procedura.

Peress illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tas-socjeta’ konvenuta fis-somma ta’ hamsa u hamsa elf, mija u disgha u sebghin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€55,179.52), ekwivalenti ghal Lm23,688.57, VAT eskluz, prezz ta’ *‘supply and installation’* ta’ *‘copper pipework’* u *‘air-conditioning units’* f’numru ta’ appartamenti fil-kumpless maghruf bhala Madliena Village, Madliena u dan if jidher mill-kopja tal-fatturi hawn annessi u mmarkati ‘Dok.1’ sa ‘Dok. 8’. It-total tal-fatturi jammonta ghas-somma ta’ Lm25,188.57 izda minn dan l-ammont thallset is-somma ta’ Lm1,500 u ghalhekk il-bilanc dovut huwa ta’ Lm23,688.57.

Peress illi ghalkemm interpellata biex thallas is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut.

Peress illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Peress illi safejn jaf l-esponent, is-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti kontra t-talbiet attrici.

Peress illi ghalhekk is-socjeta' esponenti kellha tistitwixxi din il-procedura.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici titlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u hamsin elf, mija u disgha u sebghin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€55,179.52) prezz ta' *'supply and installation'* ta' *'copper pipework'* u *'air-conditioning units'* f'numru ta' appartamenti fil-kumpless maghruf bhala Madliena Village, Madliena.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji ta' qbid u ta' sekwestru li gew ipprezentati llum kontestwalment u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta ngunta in subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti ;
Rat li l-konvenuti debitament notifikati baqghu kontumaci ;
Semghet lill Mark Vella bil-gurament ;
Peress illi t-talba tar-rikorrenti tidher li hija gustifikata ;

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi ;
Billi t-tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti ;
Bl-ispejjez kontra l-intimati ;
U bl-imghax legali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------